# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 10 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 50/16 CSH**

**Gillian Camenzuli Kerr**

**vs**

**Claudia Magrin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Marzu , 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha is-somma ta' ghaxart elef ewro ( €10,000) bhala penali dovuti wara li abbandunat il-kuntratt finali iffirmat fis-6 ta' Gunju 2014 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok 'A') kif indikat fil-klawsola numru 5 in kwantu s-somma bilancjali ta' hamest elef ewro ( €5,000) bhala danni sofferti mill-attrici bhala konsewenza tal-ksur taghha tal-klawsola numru 7 tal-kuntratt imsemmi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 199/16 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta b'talba ghall-kontro-talba pprezentata fil-15 ta' April 2016 fejn ippremettiet s-segwenti:

*'Illi it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li m'humiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri waqt is-smiegh.*

*Fl-ewwel lok fil-qosor ai termini tal-Kap 452, ma jistax ikun hemm penali kif tippretendi ir-rikorrenti kif ukoll in kwantu d-danni rekati fit-talba referribilment ghat-tieni ammont ta' €5,000, dawn jezistu biss fl-immaginazzjoni tar-rikorrenti.*

*Fit-tieni lok fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak li hemm hawn fuq, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-kuntratt li fuqu tistrieh ir-rikorrenti hu validu u jikkostitwixxi xi tip ta' obbligu fuq l-intimata, din kellha kull dritt li titlaq mill-irbit kif jigi muri waqt is-smiegh tant illi qed issir kontro-talba kontestwalment.'*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn stqarret is-segwenti:

'Illi ir-rikorrenti rrekatilha bhala dani konsistenti f'malafama u hsara lir-reputazzjoi taghha, kif ukoll danni konsistenti f'hela ta' flus u infieq konnessi ma' vjaggi u impenji ohra maghmula mill-intimata ghal xejn minhabba l-agir tar-rikorrenti kif jigi muri waqt is-smiegh.

Ghaldaqstant l-intimata titlob li r-rikorrenti tghid ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex tillikwida id-danni sofferti minnha li ma humiex oltre €10,000 (ghaxart elef ewro) ghal finijiet ta' kompetenza u kontra l-hlas ta' l-istess mir-rikorrenti wara li din tigi deciza responsabbli ghall-istess.

Rat ir-risposta tal-attrici rikonvenzjonanti ghall-kontro-talba tal-konvenutaipprezentata nhar l-1 ta' Gunju 2016 fejn eccepiet:

1. *'Illi ir-rikorrenti rikonvenzjonanti ma kkawzat l-ebda danni lill-intimata kif reklamat minnha fil-konr- talba taghha, la kagun ta' malafama u lanqas ta' spejjes zborsati inutilment kif allegat minnha u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
2. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost is-somma reklamata mill-intimata hija esorbitanti u esagerata u intiza biss sabiex ixxejjen it-talbiet rikorrenti.*
3. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost l-intimata ghandha ggib l-prova tad-danni allegatament sofferti ammontanti ghal ghaxart elef euro (€10,000).*

*Bl-ispejjez.'*

Fis-6 ta' Lulju, 2016 xehdet **Gillian Camenzuli Kerr** u ddikjarat li hija ghandha akkademja tal-kant maghrufa bhala *La Voix Music Academy*. Spjegat li naturalment hemm diversi *tutors* li jahdmu maghha f'din l-akkademja u filfatt jiehdu hsieb biex iharrgu t-tfal fil-muzika u fil-kant minn eta' zghira. Hemm ukoll diversi adulti li jattendu. Qalet li fost l-istudenti taghhom kien hemm ukoll Federica Falzon u Gaia Cauchi, li t-tnejn hadu sehem anke fil-Junior Eurovision. Iddikjarat li llum l-akkademja kibret u sahansitra talbu anke l-ghajnuna tat-*teachers* minn barra. Is-sit taghhom jinsab il-Marsa w minn hemmhekk jaghtu diversi lezzjonijiet kull siegha.

Spjegat illi Claudia Magrin ftit xhur qabel kienet hadet lit-tifla taghha ghandhom sabiex titghallem u tiehu l-lezzjonijiet minn ghandha personali w ziedet li Claudia Magrin stess ukoll bdiet titghallem xi affarijiet in konnessjoni ma' vuci w muzika, kif ukoll kienet ghamlet xi tezi w marret tajjeb hafna.

Ghalhekk hija kienet staqsietha jekk riditx tinghaqad mat-*teachers* taghhom biex tghallem lill-istudenti. Filfatt kienet bdiet tahdem maghhom pero' peress li kienet qed taghmel it-tezi kienet waqfet ghal xi xhur. Qalet li meta l-konvenuta bdiet l-impjieg taghha maghhom kienet iffirmat kuntratt ta' mpjieg, liema kuntratt jinsab ezebit fl-atti mmarkat bhala Dokument A a fol 2 *et sequitur* u ghalhekk, spjegat, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet regolata permezz ta' dan il-kuntratt.

Claudia Magrin skont il-kuntratt kellha tghallem numru ta' studenti li huma kienu jipprovdulha, w dan ghall-perjodu ta' hames snin. Kompliet tghid li effettivament il-konvenuta tahdem bhala lecturer l-MCAST u ghalhekk solitament il-hin taghha tax-xoghol maghhom kien ikun wara l-hin tal-MCAST u naturalment hinijiet adattati ghat-tfal wara l-iskola.

Ziedet illi kien hemm xi zmien meta hi kienet indisposta w Magrin kienet qed tahdem mill-istudio taghha. Qalet li in segwitu Magrin kienet bdiet tghid lill-istudenti li kienet se titlaq mill-akkademja w kienet se tiftah ghal rasha w talbithom biex imorru maghha, filfatt kien hemm uhud illi baghtitilhom sahansitra messaggi. Konsegwentment bejn ghaxra w hmistax-il student mill-akkademja taghha telqu minn maghhom u marru ma' Claudia Magrin.

Spjegat li Magrin kienet bdiet tikkuntattja l-genituri fil-jum tas-Sibt u t-Tnejn ta' wara waqfet minn maghhom. Mistoqsija jekk tathomx xi *resignation letter,* ix-xhud qalet li din waqfet minn maghhom b'mod immedjat. Rigward il-kuntratt spjegat li dan gie ffirmat quddiem is-segretarja taghha Debbie Mizzi u n-Nutar li pero' ma ftakrixtx x'jisimha, ghalkemm taf li hija minn San Pawl il-Bahar. Qalet li l-kuntratt effettivament gie draftjat quddiem in-Nutara stess. Mistoqsija kienx hemm xi korrispondenza min-naha taghha, qalet illi ma kienx hemm, pero' taf li kien hemm xi kliem mhux xieraq li inghad fil-konfront taghha permezz ta' telefon u anke dwar il-mod kif hija tghallem.

**Paul Camenzuli** xehed nhar is-7 ta' Dicembru, 2016 u qal li huwa jigi r-ragel tal-attrici. Mistoqsi jekk jafx lill-konvenuta wiegeb li jafha peress li kienet ghalliema fl-iskola ta' martu. Qal li huwa mhux involut fl-iskola pero' kien jaf li tahdem maghha. Illum il-gurnata pero' l-konventua m'ghadhiex tahdem hemm u jghid li l-konvenuta kienet tghallem il-kant. Effettivament jghid illi l-mara tieghu hija izghar minnu hafna u tmur ghandu ghal pariri u effettivament kien idderigiha biex tagheml kuntratt u l-ghalliema kollha li kellha fl-iskola hekk ghamlu. Il-konvenuta kienet waslet biex taghmel ftehim ma' martu u sahansitra kien hu li wassal lil martu Bugibba ghand in-Nutar sabiex jiffirmaw il-kuntratt. Muri id-dokument esebit fl-atti u markat bhala Dok A a fol 2 jghid li dan huwa l-kuntratt li effettivament gie redatt dakinhar. Jghid li l-ghalliema kollha bil-bona volonta' taghhom marru biex jiffirmaw dan il-kuntratt. Qal li l-mara tieghu kienet it-tutor ta' bint Caludia Magrin u filfatt jghid ukoll li Claudia Magrin kienet tkun prezenti waqt li bintha kienet tiehu l-lezzjoni ma' martu u tant hu hekk li kellhom relazzjoni tajba bejniethom u sahansitra anke bil-boat maghhom marret. Huwa kien induna li l-konvenuta setghet hasbet ghal rasha u ghalhekk kien gharraf lil martu u kien ghalhekk li ghamlu l-kuntratt. Il-kuntratt sar u gie iffirmat qabel ma l-konvenuta setghet hasbet ghal rasha. Qal li l-konvenuta kienet tahdem ghal rasha mal-mara tieghu u kienet taghti biss ftit *commission* talli tuza l-premises taghhom. Illum il-gurnata m'ghadhiex taghmel uzu mill-premises taghhom u ghalhekk ma tghaddilha l-ebda commission.

Qal li jum fost l-ohrajn qabdet u telqet u hadhet maghha l-istudenti. Mistoqsija kemm in effetti hadhet studenti maghha jghid li ma jafx bl-ezatt. Skond ma kienet tghid hi kien hemm xi ghaxra. Mieghu ma kkomunkatx wara li telqet. Huwa jghix mal-attrici u beda isegwi dak li kien ghaddej u kien jismaghha iccempel mill-ufficcju tieghu biex tara fuq it-tfal u jaf li uhud minnhom bdew jghidulha li mhux ser imorru lura u skuzaw ruhhom ghax kienu ser imorru mal-konvenuta.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ Mejju 2017 li permezz taghha pprezentat l-affidavit tan-**Nutar Fiona Armeni**. Ix-xhud ikkonfemat il-ftehim redatt fis-6 ta’ Gunju 2014 iffirmat bejn il-kontendenti dwar l-lezzjonijiet tal-kant mill-konvenuta u li hija spjegat l-kontenut ta’ dan il-ftehim lill-kontendenti. Qalet ukoll li hija kitbet fil-ftehim li l-kontendenti kienu ddikjaraw li kienu fehmu l-kontenut u l-importanza tal-ftehim.

Il-konvenuta **Claudia Magrin** xehdet nhar is-27 ta’ Settembru, 2017 u kkonfermat li bdiet l-impieg taghha mal-attrici f’Gunju 2014 skond il-kuntratt esebit fl-atti datat 6 ta’ Gunju 2014 markat bhala Dok A. Qalet li hija kienet tghallem it-teknika vokali ukoll ‘*on a one to one basis’*. L-istudenti kienu jattendu l-iskola ta’ ‘*La voix Academy*.’

F’Awwissu 2014 l-attrici waqfitha mill-impieg taghha u dan ghaliex sabet xi vocal coaches ohra u qalet ukoll li hija kienet tahdem jum wiehed biss fil-gimgha peress li ghandha familja. Bhala professjoni hija ghalliema u ghalhekk kienet tahdem *part time*.

F’Jannar 2015 hija regghet giet mitluba mill-attrici biex tghallem maghha pero’ b’mod differenti. Din id-darba kienet biss bhala vocal coach u mhux tghallem it- teknika pero m’ghamlet l-ebda kuntratt gdid ghalkemm l-impieg kien wiehed gdid. Tghid li damet tahdem sa Ottubru tal-istess sena. Kienet tahdem l-Erbgha wara nofsinhar u jum is-sibt filghodu. Qalet li fil-fatt gieli kien ikollha timetable ta’ sitt lezzjonjiet fil-gimgha pero’ fil-fatt kienet taghmel biss zewg lezzjonijiet ghax kienu jinfurmawha li l-istudenti ma kienux ser imorru pero lilha ma kinitx tinfurmaha. Kienet toqghod tistenna hemmhekk ghal xejn. Tghid li kienet iddahhal bejn ghoxrin u erbghin ewro fil-gimgha minghandha u dawn huma kollha dikjarati fit-taxxa naturalment f’dik personali taghha.

F’Ottubru 2015, kienet avvicinat lill-attrici li ma setghetx tibqa’ tahdem

maghha ghal diversi ragunijiet. Hija haditha bi kbira hafna u tghid li skont il-kundizzjonijiet li kellha u cioe' li tmur hemmhekk u tahli l-hin ghax l-istudenti ma kienux imorru u hija kienet tithallas biss ghal kull lezzjoni li taghti. Qalet l l-attrici ghamlet diversi affarijiet fil-konfront taghha u ta' bintha li dak iz-zmien kienet studenta hemmhekk u ghalhekk ma setghetx tibqa' tahdem hemm. Per ezempju tghid li bintha kienet tigi mibghuta barra minn Malta ghal xi competitions u kienu ihalsu ghal dan u ir-rizultat kien ikun miktub minn qabel u ta' dan ghandha il-provi u c-chats dwarhom. Tghid li lill-attrici kienet qaltilha li ma setghux ikomplu bir-relazzjoni ta' bejniethom ghaliex kienu differenti hafna pero' xtaqet izzomm relazzjoni amichevoli. Qalet li l-attrici bkiet imbaghad ghajtet imbaghad tbismet u ghajtet u tghid illi ghandha l-*voice recording* taghha. Tghid li fl-*voice recording* li ghandha fil-fatt kienet qaltilha li effettivament hi kienet keccitha dwar l-ewwel kuntratt. Dak iz-zmien qaltilha u ghandha rrekordjat qaltilha li veru kienet keccitha hi ghax ma kienitx tafdaha dak iz-zmien.

Mistoqsija ghalfejn effettivament regghet bdiet bl-impieg taghha meta hija ma kienitx tafdaha tghid li hija kienet giet darha mal-hajt minghajr vocal coaches u ghalhekk sabet lilha. It-tifla kienet baqghet fl-iskola taghha bhala studenta fiz-zmien meta kienet spiccat bl-impieg taghha minn maghha.

M'huwiex minnu dak li gie suggerit lilha li effettivament dak li qalet l-attrici illi serqet xi klijenti meta telqet min maghha. Qalet li meta telqet l-istudenti kienu gew infurmati minnha stess biex ibidlu l-vocal coach fl-iskola u peress illi kellha bond maghhom kienu huma li ghamlu kuntatt maghha u hija kienet qaltilhom sabiex imorru lura mal-attrici u jaraw kif imorru. Qalet li b'kollox kellha seba' studenti biss li mxew maghha.

Fir-rigward il-kontro-talba tghid li hemm infiq ta' aktar minn disat elef ewro (€9,000) f'safar li huma ghamlu u ppromettiet li tesebixxi lista ta' dawn id-danni li hija sofriet bid-dokumenti relattivi maghha.

Illi nhar l-4 ta' Ottubru 2017 l-konvenuta pprezent nota fir-Registru ta' din il-Qort bil-visto tal-kontro-parti fejn identifikat fiex jikkonsistu id-danni li qed tippretendi u dan fl-ammont globali ta' erbat elef, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbghin centezmu [€4,828.40] (vide fol. 33) minkejja li ricevuti jew invoices ma pprezentatx ghall-ammont kollu.

Semghet lill-avukat difensur tal-konvenut jittratta il-kawza u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2017 fejn sahanstira anke talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza ftit li xejn hemm provi. Apparti l-kontendenti hemm biss ir -ragel ta' l-attrici li ma tantx tefa dawl fuq l-operat tan-negozju ta' martu u n-nutar li kkonfermat l-veracita' tal-kuntratt esebit fl-atti a fol 2 tal-process immarkat bhal Dok A.

Jidher li l-konvenuta kienet originarjament impjegata mal-attrici skond il-kuntratt esebit fl-atti pero' dan l-impieg ma tantx dam u dan ghaliex kif stqarret l-konvenuta (liema xhieda ma gietx michuda jew kontestata) kienet l-attrici stess li waqfitha hesrem minkejja dak li jistipula il-kuntratt u cioe' li kellha tkun impjegata ghall-perjodu ta' hames snin (klawsola numru 1 tal-ftehim).

Illi pero' skond ma xehdet l-istess konvenuta hija hadmet skond id-dettami tal-kuntratt minn Gunju sa Awwissu 2014 u dan wara li kienet giet imwaqqfa mill-attrici stess ghaliex allegatament kienet sabet xi *vocal coaches* ohra biex jghallmu l-istudenti.

Jirrizulta u mhux kontestat li pero' l-konvenuta regghet bdiet b'impieg iehor mal-attrici izda din id-darba kienet qed tghallem biss bhala *vocal coach* u ma tghallimx it-teknika kif kienet taghmel qabel meta kienet marbuta bil-kuntratt.

Jirrizulta mill-kuntratt esebit li l-konvenuta ma setghetx titlaq mill-kuntratt qabel il-perjodu stipulat ta' hames snin jekk mhux b'raguni valida cio' nonostante pero' l-attrici tghid li l-konvenuta ma marritx tahdem ghal xi xahrejn minhabba li kienet qed tahdem fuq xi tezi. Dan il-fatt *ut sic* mhux konfermat mill-konventua izda addirittura tghid li veru ma dahlitx ghax-xoghol izda minhabba raguni ohra u cioe' li giet imwaqqfa mill-attrici. Ma jirrizultax li l-attrici kienet hadhet xi passi kontra l-konvenuta meta fil-fatt ghamlet dak iz-zmien imsemmi minnha fix-xhieda taghha fejn l-attrici ma dahlitx ghax-xoghol. Kien biss meta telqet minn rajha u bdiet tghallem ghal rasha li l-attrici iddecidiet li tfittex lill-konvenuta ghal ksur tal-kuntratt li sa dak il-hin ma kienx ghadu jorbot il-kontendenti.

Illi l-attrci pero' f'din il-kawza qed tfittex lill-konvenuta ghad-danni sofferti minnha minhabba allegat ksur tal-kuntratt da parti ta' l-istess konvenuta meta allegatament hadhet xi studenti maghha minn '*La Voix Academy'* u bdiet tghallem ghal rasha. Il-Qorti tafferma li l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ma baqax il-ftehim vinkolanti bejn il-partijiet una volta l-impieg tal-konvenuta kien gie terminat mill-attrici. Il-fatt li l-konventua regghet ghamlet xi xoghol ghall-attrici bl-ebda mod ma jorbotha mal-kundizzjonijiet precedenti tal-kuntratt. Jinghad li meta l-konvenuta regghet bdiet bl-impieg taghha ghat-tieni darba ma jistax jinghad li hija kienet marbuta bl-istess kundizzjonijiet precedenti. Giet krejata sitwazzjoni ex novo bejn il-partijiet.

Bla pregudizzju ghal dak li intqal aktar 'il fuq, l-attrici tibbaza it-talba taghha fuq allegat ksur tal-klawsola numru 7 tal-ftehim li jiddisponi s-segwenti:

"*The Employee may not, at any time during the period of engagement work with other companies, organisations or other persons whether individual or corporate, that engage in the same business as the Emploer or may in any manner compete or conflict in interest with the Employer's* Activity *academy.*

*The employee may not at any time contact clients and patrons and/or their relatives of the academy, in private and without the prior consent of the employer.*"

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Illi fid-dritt kummerċjali, huwa meqjus illi "*when a party undertakes a contractual obligation, he is strictly answerable for performance, in the sense that if he fails to perform or his performance is defective, it is no answer that he made all reasonable endeavours or took all reasonable care to carry out his obligations... Not every breach entitles the innocent party to treat the contract as discharged. An act which evinces an intention not to perform the contract in some essential respect has always been treated as entitling the innocent party to terminate the contract. But in viewing the impact of default which does not manifest such a repudiatory intention, the law distinguishes major breaches, which go to the root of the contract, from minor breaches, which do not. Whether a breach does or does not go to the root of the contract must in all cases be determined by ascertaining the express or presumed intention of the parties at the time of the contract. There are two quite distinct appraches to the ascertainment of that intention, and at different times first one has predominated, then the other. .. .. .. The more usual approach is to look not at the nature of the act of breach or the gravity of its consequences but at the importance attached to the broken term by the parties at the time of the*

*contract. If the term is a major term (or a 'condition', as it misleadingly became known), then any breach, even if minor, is considered to go to the root of the contract so as to entitle the innocent party to termimate it. This is because it is clear from the language of the contract or the surrounding circumstances that the parties attached importance to strict compliance with the term. If, however, the term broken is a minor term, or warranty, the innocent party's remedy is limited to damages.. .. .. A breach of a contract will entitle the innocent party to treat the contract as discharged if (a) the act of breach signifies an intention of the part of the guilty party not to carry out the contract in some essential respect; (b) subject to special rules for non-consumer sales, the term broken is considered to be a condition; or (c) the consequences of the breach are such as to frustrate the commercial purpose of the contract; or (d) the contract empowers the innocent party to terminate*"[1]

Dan qed jinghad ghaliex in effetti jidher car li l-konvenuta ma baqghetx marbuta b'dan il-kuntratt iffirmat nhar is-6 ta' Gunju 2014 u dan ghaliex kif tistqarr l-konvenuta, l-attrici kienet ittermnatilha l-impieg taghha bla avviz u ghamlet xi zmien ma tahdimx ghalih. Kien biss wara xi perijodu ta' zmien li l-attrici regghet avvicinat lill-konvenuta u talbitha tahdem maghha mill-gdid.

Illi ghalhekk din il-materja hija biss kwistjoni ta' provi li l-attici trid tressaq ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata), il-Qorti (PA/JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

[1] Goode on Commercial Law, 4th Edition, Chapter 3: Some Aspects of Contract Law, paġġ. 122 – 139

Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

*... Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju.*

*Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu* msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et** - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).

Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**).

Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-

pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**)

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12).**

*... Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ...certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti.*

*Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**)

Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju.

Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma

jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.)

Minn naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**).

Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum –

1. Illi l-attrici resqet bhala prova ix-xhieda taghha u dik ta' zewgha li kif stqarr hu stess ma jidholx fid-*day to day running* tal-business ta' martu.
2. Illi l-attrici allegat li l-konvenuta haditilha xi studenti taghha meta skond hi tterminat ix-xoghol minn maghha.
3. Tghid li kien hemm xi ghaxra pero' ma tghidx min huma dawn l-ghaxra.
4. L-attrici tallega ukoll li l-konvenuta griet wara dawn l-istudenti biex hadithom maghha.

5. Hawnhekk ukoll l-attrici naqset ghaliex la resqet lil dawn l-istudenti jixhdu jew almenu il-genituri taghhom u lanqas ma ssostanzjat dak li qalet fir-rigward ta' kif gew avvicinati mill-konvenuta.

Minn naha l-ohra l-konvenuta stqarret li kienet l-attrici li keccietha l-ewwel darba pero' kienet hi stess minn jeddha li telqet fit-tieni okkazjoni ghaliex kienet titlef hafna hin ghaliex l-istudenti mhux dejjem kienu imorru u hija kienet tithallas biss ghal dawk il-lezjonijiet li kienet taghti tant li tghid li gieli f'gimgha qalghet biss bhala introjtu is-somma mizera ta' ghoxrin ewro. Dan il-fatt mhux kontestat mill-attrici.

Tghid ukoll li kienu l-istudenti u cioe' uhud minnhom - xi tmienja li talbuha tghallimhom u marru maghha u dan minkejja li hija qaltilhom sabiex jitkellmu mal-attrici. Dan ukoll mhux imcahhad jew addirittura kontestat mill-attrici.

Illi ghalhekk anke jekk in pessima ipotesi il- kuntratt kien ghadu vinkolanti bejn il-partijiet li ma kienx, xorta jibqa' il-fatt li l-attrici ma pprovatx li in effetti verament sofriet xi danni.

Minn naha l-ohra l-konvenuta qed tghid fil-kontro-talba taghha li hija sofriet danni fl-ammont ta' €4828.40 minkejja li hija esebiet uhud minn dawn l-ircevuti. Jinghad li dawn l-ammonti allegatament jirrapprezentaw vjaggi u impenji barra minn Malta li skond l-konvenuta ghamlet ghal xejn u dan ghaliex ir-rizultat kien ikun previst minn qabel ma tibda il-kompetizzjoni u m'hemmx dubbju ghalhekk li tali agir irrekalha danni konsistenti f'malafama u hsara lir-reputazzjoni taghha. Minkejja li l-konvenuta ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja il-malfama li hija tghid li tatha, dan il-fatt mhux kontestat mill-attrici.

Jidher minn ezami tad-dokumenti li l-konvenuta siefret lejn Catania flimkien ma' bintha f'Marzu u Mejju 2014 u li sahansitra anke kriet karozza meta kienet

Sqallija. Illi dwar dawn l-ispejjez hija esebiet e-mails li jindikaw il-hlasijiet li ghamlet u cioe' €235.93 (Dok CMA 1-vjagg ghaliha u ghal bintha minuri lejn Sqallija bejn l-14 u is-16 ta' Marzu 2014, is-somma ta' €791.47 vjagg iehor lejn Sqallija tal- konjugi Claudia u Daniel Magrin flimkien ma' xi membri ohra tal-familja fosthom Maria Grazia, Carla, Christina u Chiara lkoll Magrin skond Dok CMA 2, kiri ta' karozza Renault Megane gewwa sqallija bejn id-9 u l-15 ta' Lulju 2014 fl-ammont ta' €351 skond Dok CMA 4 fol. 41 u ghalhekk huma dawn id-danni materjali konsistenti fi spejjez inkorsi u mhux ghal malafama li din il-Qorti ser tillikwida a bazi tax-xhieda moghtija mill-istess konvenuta mhux kontradetta mill-attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tirrespingi t-talba attrici u dan billi tilqa' l-eccezzjonjiet tal-konvenuta, qieghda tilqa' l-kontro-talba tal-konvenuta waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-konto-talba tal-konventua u qed tilikwida d-dannu soffert mill-konvenuta fl-ammont ta' elf, mija u tmienja u sebghin ewro u erbghin centezmu (€1,378.40) liema dannu ghandu jithallas mill-attrici lill-konvenuta.**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tal-attrici u l-imghax jibda jiddekorri fuq l- ammont likwidat favur il-konvenuta mil-lum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**